**Minuti tal-424 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar
il-Ħamis, 14 ta' Novembru, 2013**

Il-laqgħa bdiet fis-6.05 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku s-Sur Quinton Scerri ppresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Quinton Scerri, il-Viċi-Sindku s-Sur Domenic Agius u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Joseph Vella, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur John J Pace, is-Sur Joseph Agius u s-Sur Brian Spiteri.

Is-Sur Marc Vella Bonnici daħal għal-laqgħa fs-6.30 ta' filgħaxija.

Is-Sur Mark Grech u s-Sinjura Anna Calleja kienu skużati.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq proposta tas-Sur Pace li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-422 laqgħa.

Fuq proposta tas-Sur Pace li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-423 laqgħa.

Item 3 – Punti li joħorġu mill-Minuti

Is-Sur Buttigieg staqsa jekk kienetx ġiet sottomessa l-applikazzjoni taħt il-miżura M413.A5 (*Embellishemt Projects*) sabiex isir ħajt mad-dawra tal-Masġar taż-Żebbuġ. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li ma setgħetx issir applikazzjoni peress illi l-proġett irid ikun sħiħ u mhux parti minn proġett. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ser japplika biex tinbeda *underground bring in-site* fi Triq il-Pellegrinaġġ tar-Roti.

Is-Sur Buttigieg talab li l-qasrija li hemm fil-parti ta' fuq ta' Misraħ il-Madonna Medjatriċi timtela bil-ħamrija biex ma tispiċċax ittir bir-riħ.

Is-Sur Buttigieg tkellem dwar iż-*zebra crossing* li hemm f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi maġenb il-Monument tal-Gwerra u qal li għad hemm problema bid-dawl peress illi kien qed jintefa' id-dawl hekk kif tixgħel iż-*zebra crossing*. Is-Sur Buttigieg qal ukoll illi l-*belisha beacon* ta' maż-*zebra crossing* għadhom imkissrin u n nuqqas ta' dawl qed joħloq periklu. Is-Segretarju qal illi dawn il-bozoz ġew irrapportati lill-kumpanija tan-*Nexos Street Lighting* u għandhom jiġu rranġati.

Is-Sur Buttigieg talab sabiex ikun jaf kif isir il-ħlas lin-*Nexos Street Lighting* meta jkun hemm iktar minn bozza waħda. Is-Segretarju wieġeb illi l-ħlas isir skont kif stipulat fit-*tender*.

Is-Sur Buttigieg staqsa għaliex kien ser jintalab tibdil fil-*one ways* ta' Triq San Ġużepp meta dawn diġa kienu approvati minn Transport Malta wara talba li saret mill-Kunsill.

Is-Sindku qal li r-residenti ta' Triq l-Għarix ma qablux mal-approvazzjoni ta' Transport Malta dwar il-*one way* fi Triq l-Għarix. Is-Sindku qal li r-residenti jridu li l-vetturi joħorġu għal Triq Villabate minn Triq l-Għarix peress illi kif ġiet approvata minn Transport Malta qiegħda tkun ta' inkonvenjent kif ukoll ta' periklu.

Is-Sur Buttigieg qal illi kien qed joġġezzjona u ma jaqbilx mar-residenti li ssir proposta ġdida lil Transport Malta peress illi t-tibdil kif spjegat mis-Sindku ser joħloq periklu lis-sewwieqa peress illi Triq San Ġużepp kienet *blind corner*. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jintalab parir mingħand Transport Malta.

Is-Sur Pace nforma lill-Kunsill li kien qed jinżamm reġistru fl-uffiċċju tal-Kunsill bid-dettalji ta' fejn kien qed isir x-xogħol ta' manutenzjoni u fejn kien qed imur bil-vann il-ħaddiem tal-IPSL.

Is-Sur Pace nforma lill-Kunsill li kienet ġiet organizzata l-ħarġa għall-persuni b'diżabilità. Il-ħlas ta' transport għal din il-ħarġa kien ser jammonta għal €130.00.

Is-Sur Bonnici staqsa jekk kienetx saret talba sabiex issir il-laqgħa mal-kumpanija *Greenpak* sabiex jiġi diskuss kif ser jiġi mfassal pjan biex nhar ta' Tlieta tibda tinġabar biss il-borża l-griża tal-iskart separat.

Is-Sur Joseph Agius qal illi r-residenti kienu għadhom qed jiġu l-Kunsill għall-borża l-griża iżda l-Kunsill m'għandux aktar boroż.

Is-Sur Bonnici ressaq quddiem il-Kunsill pjanta proposta ta' fejn ser jitqiegħdu l-*bins* fil-*Housing Estate*.

Is-Sur Spiteri nforma lill-Kunsill li kien iltaqa' mas-sidien tal-ħwienet u sar qbil li t-tiżjin fi Triq is-Santwarju isir mill-monument tal-Ex President ta' Malta Agatha Barbara 'l fuq u tiżjin fi Triq il-Kbira isir minn Triq is-Santwarju sa Misraħ is-Sliem. Is-Sur Spiteri qal

li l-għaqdiet tal-baned kienu ser jgħinu volontarjament biex isir l-armar. Is-Sur Spiteri talab sabiex il-Kunsillieri jinvolvu ruħhom fl-attivitajiet.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet ser issir l-applikazzjoni għas-servizz tad-dawl temporanju għat-tiżjin tal-Milied bejn il-5 ta' Diċembru 2013 u l-5 ta' Jannar 2013.

Is-Sur Bonnici talab sabiex il-kaxxa tal-posta tal-ittri titwaħħal fuq barra tal-*Housing Estate.* Is-Sindku ssuġġerixxa li l-ewwel il-Kunsill jieħu l-*feedback* tar-residenti.

<u>Minuti tal-Kumitat Amministrattiv</u>

Inqraw il-minuti tal-45 u 46 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's. Dawn ġew approvati unanimament fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Pace.

<u>Item 4 – Skeda tal-Pagamenti – Approvazzjoni</u>

Fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn il-25 ta' Ottubru 2013 u l-14 ta' Novembru 2013 li kienet tammonta għal €40,994.62.

Is-Sur Joseph Bonnici staqsa jekk is-Sur Joseph Cassar kienx ippreżenta d-dokumentazzjoni mitluba mill-Kunsill li tikkonferma l-ħlas, l-avviżi u l-messaġġi li saru bħala prova tal-pubbliċità li hu għamel relatata mal-attivitajiet tal-Kunsill. Is-Segretarju wieħeb fin-negattiv.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar t'Ottubru 2013 li kien jammonta għal €81.36.

<u>Item 5 – Korrispondenza</u>

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill Lokali ta' Marsaskala fejn talbu lill-Kunsill iħallas €252.06 bħala parti mill-ispejjeż dovuti lill-Avukat Ġenerali dwar il-kawża kontra l-iżvilupp li kien propost għall-impjant tar-riċiklaġġ.

Fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li jħallas l-ispiża relatata.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi s-Sur Mark Grech naqas milli jattendi għal aktar minn terz tal-laqgħat tal-Kunsill li saru fl-aħħar sitt xhur (20 ta' Ġunju 2013 sal-14 ta' Novembru 2013). Fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-assenza tas-Sur Grech kienet għal raġuni ġustifikata u għalhekk il-Kunsill għandu jitlob li l-post tas-Sur Grech ma jiġix dikjarat vakanti.

Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill illi s-Sur Brian Spiteri naqas ukoll milli jattendi għal aktar minn terz tal-laqgħat tal-Kunsill li saru fl-aħħar sitt xhur (20 ta' Ġunju 2013 sal-14

ta' Novembru 2013). Fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg , il-Kunsill qabel unanimament li l-assenza tas-Sur Spiteri kienet għal raġuni ġustifikata u għalhekk il-Kunsill għandu jitlob li l-post tas-Sur Spiteri m'għandux jiġi dikjarat vakanti.

Fis-6.30 is-Sur Mark Vella Bonnici daħal għal-laqgħa.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar seminar li ser jiġi organizzat nhar it-Tnejn, 25 ta' Novembru, 2013 dwar l-Abbozz tal-Pjan għall-Immaniġjar tal-Iskart (2013-2010).

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Pio Farrugia, mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, fejn il-Kunsill ġie awtorizzat jibda l-proċess biex isir l-ingaġġ għall-impjieg ta' Uffiċjal Eżekuttiv fi Skala 13.

Inqara invit mibgħut mill-*Maltese Olympic Committe* għall-preżentazzjoni taċ-ċertifikati lill-Kunsill Lokali nominati li ser issir waqt konferenza stampa nhar it-Tlieta 26 ta' Novembru 2013. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien għamel in-nomina ghal-*Maltese Olympic Committee awards*.

Is-Sur Brian Spiteri nforma lill-Kunsill li żewġ t'aħwa Żabbarin kienu ħadu sehem f'logħba tal-boċċi u klassifikaw fl-ewwel postijiet f'kompetizzjoni Ewropeja. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jibgħat ittra sabiex jifirħilhom għas-suċċess tagħhom.

Inqrat kopja ta' ittra mibgħuta mill-Perit Christina Refalo mid-Direttorat tat-Tmexxija tal-Proprjeta` lill-MEPA dwar talba għall-estensjoni ta' *front* u *back garden* fi Triq il-Luq.

Is-Sur Bonnici qal li kien tkellem ma' sid id-dar u dan infurmah li ma kienx ser jieħu s-sit kollu. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob għal aktar kjarifikazzjoni dwar din it-talba għall-estensjoni ta' *front* u *back garden* fi Triq il-Luq.

Inqrat ittra mibgħuta mis-Sur Carmel Mizzi fejn ilmenta dwar tappiera tħabbat li hemm fi Triq Ħompesch. Is-Sur Mizzi qal ukoll illi quddiem ir-residenza tiegħu parti minn triq sfrundat. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li t-tappiera kienet ġiet irranġata u issa jonqos biss li tiġi rranġata t-triq.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mil-kumpanija Go plc fejn il-Kunsill ġie nfurmat illi t-*telephone box* li hemm fi Triq San Anard kienet ser titneħħa peress illi din ma kienetx qed tintuża.

Is-Sindku qal sabiex nibgħatu *reminder* biex titneħħa t-*telephone booth* li hemm fi Triq Felice ma Triq is-Santwarju.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Gordon Caruana, *Station Manager* ta' Radju Ħompesch, minħabba li l-aħħar programm tal-Kunsill Lokali Live ġie kkanċellat siegħa u nofs qabel. Fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-programm Kunsill Lokali Live jitwaqqaf temporanjament.

Is-Sur John J Pace talab sabiex il-Kunsill jikkonsidra li jerġa' jibda jxandar il-programm Kunsill Lokali Live fil-futur viċin.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kienet saret l-applikazzjoni tal-GAL Xlokk taħt it-titlu *Revival of A Past Activity* sabiex tiġi organizzata l-attivita` Ħadd in-Nies.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li japplika għall-Iskema tal-Kultura biex jiġi organizzat l-*International Food Festival* fit-30 ta' Mejju 2014.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Kevin Abela fejn talab lill-Kunsill sabiex jipprovdi s-sala tal-Kunsill sabiex ikunu jistgħu jsiru l-provi ta' grupp ta' mużiċisti Żabbarin. Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Abela jużа s-sala tal-Kunsill bejn is-16 u l-20 ta' Novembru, 2013.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fejn talbu lill-Kunsill jikkonferma jekk għadx hemm il-ħsieb li jsir ix-xogħol li kien propost fi Triq tal-Plier kif ukoll fi Triq l-Inkurunazzjoni. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jikkonferma x-xogħol li mistenni jagħmel il-Kunsill f'dawn iż-żewġ toroq.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mit-*TCTC* dwar korsijiet tal-kompjuter. Is-Sindku ppropona li jiġu organizzati dawn il-korsijiet u l-Kunsill iħallas għat-tqassim tal-*leaflets* fil-lokalita`. Is-Sur Bonnici ssekonda lis-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Aġenzija Żgħażagħ dwar il-ħames edizzjoni tal-proġett Kunsill Lokali Żgħażagħ fejn il-Kunsill ġie nfurmat li qed jintlaqgħu applikazzjonijiet mill-Kunsilli Lokali. Dan il-proġett għandu l-għan li jagħti l-opportunita` liż-żgħażagħ biex jieħdu sehem fi djalogu strutturat li permezz tiegħu jiddiskutu temiet ta' importanza għal-lokalita` rispettiva tagħhom.

Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jipparteċipa f'dan il-proġett.

Inqrat korrispondenza mibgħuta minn Transport Malta dwar diversi lmenti li kienu qegħdin jirċievu dwar l-approvazzjoni ta' *one way* li ngħatat biex issir fi Triq il-Fiġel. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill jistudja f'aktar dettal il-proposti li saru u jiddeċiedu wara konsultazzjoni ma' Transport Malta.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Ludgard Scicluna fejn irringrazzja lis-Sindku, lill-Kunsillieri u l-istaff tal-Kunsill talli laqgħa t-talba tal-MCAST li t-tifla tiegħu tagħmel xogħol volontarju darba fil-ġimgħa fl-uffiċċju tal-Kunsill.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-*Paragon Europe* li offrew lill-Kunsill studenti biex jagħmlu xogħol volontarju mal-Kunsill.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Charles Mifsud fejn talab lill-Kunsill jixtri kopja tal-ktieb 'Għanjiet il-Qalb'. Fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li jixtri dan il-ktieb għal-librerija tal-Kunsill.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali dwar laqgħa bejn il-Kunsill ta' Ħaż-Żabbar u l-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali li ser issir nhar it-Tlieta 3 ta' Diċembru, 2013.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sinjorina Elaine Pace li talbet l-għajnuna tal-Kunsill biex isir survey dwar *Sustainable Development*.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-MEPA rigward laqgħa dwar l-applikazzjonijiet ODZ li ser issir nhar il-Ġimgħa 15 ta' Novembru, 2013.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Korporazzjoni Enemalta dwar ħlasijiet lill-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar għal xogħlijiet ta' trinek li ser isiru fi Triq l-Inkurunazzjoni. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jaċċetta l-flus għal-*re-instatement* li kellu jsir mill-kuntrattur tal-Korporazzjoni Enemalta u dan jitnaqqsu mill-ispiża tax-xogħol ta' *resurfacing*.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Arthur Psaila, mis-Sur Patrick Psaila u mis-Sur Mario Psaila li joqgħodu fi Triq id-Dliela fejn talbu l-għajnuna minħabba problema ta ilma tax-xita li skont huma qed tikkawża ħsara fil-proprjetà tagħhom minħabba illi t-triq taqleb lejn il-proprjetà tagħhom. Is-Sindku ppropona li ssir laqgħa mal-Perit u tiġi diskussa din il-problema. Is-Sur John J Pace ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li ssir din il-laqgħa. Is-Sur Buttigieg talab li din il-problema tiġi diskussa wkoll ma' Transport Malta peress illi x-xogħol biex tittaffa l-problema tal-għargħar fi Triq id-Dliela saret minn Transport Malta. Is-Sur John J Pace issekonda l-proposta tas-Sur Buttigieg u l-Kunsill qabel unanimament.

Inqrat petizzjoni mibgħuta mir-residenti ta' Triq Spadaro fejn talbu lill-Kunsill iwaħħal żewġ *road humps* fi Triq Spadaro, waħda quddiem ir-residenza bin-numru 11 u l-oħra quddiem ir-residenza bin-numru 28. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jsiru dawn ir-*road humps*.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ssir *road hump* fi Triq Bajada fil-viċinanzi ta' Triq il-Mina ta' Ħompesch.

Inqrat stedina mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali għall-konferenza dwar l-użu tal-enerġija alternattiva fil-gzejjer Maltin.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sinjorina Stephanie Testaferrata de Noto li talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill biex 96 siegħa mill-*vacation leave* għas-sena 2013 jiġu akkumulati mal-*vacation leave* tagħha għas-sena 2014 peress li ma kienx possibli tagħmel użu sħiħ mis-siegħat ta' *vacation leave* minħabba esiġenzi ta' xogħol. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jilqa' t-talba tal-impjegata.

<u>Item 6 – Komunikat mis-Segretarju</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsillieri li kienu ser isiru *business cards* ġodda.

Is-Segretarju talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex ikunu jistgħu jinxtraw *diaries* għas-sena 2014. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li jinxtraw *diaries* għall-membri tal-Kunsill u għall-istaff.

<u>Aġġudikazzjoni tal-offerti għall-restawr tal-Għajn tal-Bhejjem – ZLC 9/2013</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kienet ġiet sottomessa offerta waħda li ġiet mitfugħa għas-servizz ta' restawr tal-Għajn tal-Bhejjem – ZLC 9/2013. L-offerta mitfugħa kienet mingħand il-Kumpanija Agius Stone Works Limited għall-prezz ta' *Option E* €8, 320 jew *Option S* €7, 980 u li kienet issottomettiet d-dokumenti kollha kif mitlub. Fuq proposta tas-Sur Joseph Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jagħżel l-offerta ta' Agius Stone Works Limited.

<u>Aġġudikazzjoni tal-offerti għas-servizz ta' librara – ZLC 10/2013</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kienet ġiet sottomessa offerta waħda li ġiet mitfugħa għas-servizz ta' librara – ZLC 10/2013. L-offerta mitfugħa kienet mingħand is-Sinjura MaryGrace Vassallo għall-prezz ta' €10. Is-Sinjura Vassallo kienet issottomiet id-dokumenti kollha mitluba.

Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li jaċċetta l-offerta tas-Sinjura MaryGrace Vassallo.

<u>Item 7 – Komunikat mis-Sindku</u>

Is-Sindku ressaq petizzjoni b'talba għal *loading / unloading bay* fi Triq Villabate viċin il-ħanut Miracle Foods Store. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Agius, il-Kunsill qabel unanimament li ssir *loading / unloading bay* f'din it-triq.

<u>Item 8 – Komunikat mill-Kunsilliera</u>

Fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li jixtri għoxrin kopja tal-ktieb 'Xogħlijiet Letterarji' biex dan jingħata lill-isudenti f'Jum il-Premjazzjoni.

Is-Sur John J Pace rrefera għall-inizzjattiva tal-Ministeru għall-Kultura li kienet ser tiġi organizzata dwar l-attività li permezz tagħha tliet kitarristi u żewġ għannejja kienu ser jipparteċipaw f'attivita' barra minn Malta. Is-Sur Pace qal li l-Kunsill ser ikun qiegħed jibgħat id-dettalji tal-parteċipanti.

Is-Sur John J Pace talab sabiex jinbidel ir-ritratt tal-Ex President ta' Malta Agatha Barbara li hemm fl-uffiċċju tal-Kunsilliera peress illi dan għandu girfa fuqu. Is-Sindku talab li tinġieb stima sabiex jiġi rranġat l-inkwatru.

Is-Sur Joseph Vella talab sabiex tiġi rranġata l-parti l-ħamra fi Triq Santa Duminka.

Is-Sur Joseph Agius talab li titwaħħal mera fi Triq Santa Tereża ma' Triq Santa Duminka.

Fis-7.30 is-Sur John J Pace talab li jkun skużat.

Is-Sur Joseph Agius talab sabiex isiru żewġ *road humps* fi Triq San Leonard. Is-Sindku talab sabiex din it-talba titressaq lill-Kumitat Ammistrattiv St Peter's.

Is-Sur Joseph Bonnici talab sabiex tiġi ordnata tabella bl-isem ta' Triq il-Luq. Is-Sindku talab sabiex isir eżerċizzju biex jiġu ordnati t-tabelli kollha meħtieġa tal-ismijiet ta' toroq fil-Qasam ta' Djar li jeħtieġ jinbidlu jew isiru ġodda.

Is-Sur Joseph Bonnici nforma lill-Kunsill illi kienet tneħħiet siġra taċ-ċipress minn Triq il-Luq mingħajr ma' l-Kunsill kien notifikat.

Is-Sur Joseph Agius talab li titwaħħal tabella fi Triq l-Immakulata Kunċizzjoni li tindika li l-karozzi għandhom jiġu pparkjati bis-*silencer* 'il barra mal-faċċata tad-djar.

Is-Sur Joseph Agius talab sabiex jiġu mniżżla l-ħinijiet fuq it-tabella tad-*disable* li hemm fil-viċinanzi tal-iskejjel.

Is-Sindku qal li qiegħda ssir applikazzjoni għall-fondi tal-GAL Xlokk mill-Klabb tas-St Patrick's taħt skema għall-organizzazjonjiet mhux governattivi. Permezz ta' din l-applikazzjoni hemm il-ħsieb li tiġi irranġata l-kamra li hemm fil-ground tal-*football* tas-St Patrick's FC u minflok issir sala.

Fis-7.40 is-Sur Mark Vella Bonnici talab li jkun skużat.

Is-Sur Joseph Bonnici talab sabiex il-Kunsill jitlob lill-Pulizija biex tinvestiga biex tkun taf min tefa` terrapien fis-*soft area* fi Triq il-Luq sabiex dan jitneħħa.

Is-Sur Joseph Bonnici talab sabiex il-Kunsill jikteb lil Transport Malta sabiex iżid ir-*railing* eżistenti maż-*zebra crossing* fi Triq l-10 ta' Settembru u titneħħa rampa li hemm fil-viċinanzi taz-*zebra crossing* peress illi qiegħda ta' periklu għal-*pedestrians*. Is-Sur

Bonnici talab ukoll sabiex nitolbu lil Transport Malta tagħmel ukoll id-dawl ma' din iż-*zebra crossing.*

Is-Sur Brian Spiteri qal illi fil-funtana ta' Misraħ is-Sliem kien fiha il-ħmieġ. Is-Sur Spiteri talab sabiex ikun hemm xi ħadd li jieħu ħsieb iż-żamma tal-funtani b'mod regolari.

Is-Sur Brian Spiteri qal li kien qed jintrema skart fi Sqaq fi Triq Santa Marija u talab sabiex titwaħħal tabella sabiex ma jintremix skart f'dan l-isqaq.

Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi l-attività li organizza lill-anzjani tal-Qala kienet suċċess. Is-Sur Buttigieg qal li l-Kunsill Lokali tal-Qala stieden lill-anzjani Żabbarin biex fis-Sajf li ġej iżuru l-lokalità tal-Qala.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab li jitwaħħal barmil fid-*dustbin* li hemm fi Pjazza Medjatriċi. Is-Sur Buttigieg qal li l-funtana ta' Pjazza Medjatriċi kellha bżonn titnaddaf.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab li tiġi mibnija mill-ġdid il-bankina quddiem ir-residenza numru 18 fi Triq Castaldi peress illi kienet imkissra.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex isiru erba' bankijiet fil-Ground tas-St Patrick's. Is-Segretarju nfurmah li dan ma setax isir peress illi l-*ground* tas-St Patrick's FC hija proprjetà privata.

Is-Sur Joseph Vella ssuġġerixxa li s-St Patrick's jitolbu l-bankijiet lill-Kunsill Malti għall-Isports.

Il-Viċi-Sindku talab sabiex għal żmien il-Milied tiġi mżejjna l-entratura tal-Kunsill.

Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi kienet ser tiġi organizzata attivita` għall-anzjani.

Is-Sur Joseph Vella qal illi l-MEUSEC kienu ser jerġgħu jorganizzaw Betlehem f'Għajnsielem u ġie ssuġġerit li jsir ġemellaġġ bejn Għajnsielem u Ħaż-Żabbar kif ukoll li jsir appell għal atturi biex iservu bħala pasturi fil-presepju ħaj ta' Għajnsielem.

Il-Viċi-Sindku staqsa jekk hemmx xi żviluppi dwar l-operat u l-inkonvenjenzi li qed jinħolqu riżultat tat-tħaddim ta' l-impjant Hompesch Steel. Is-Sur Joseph Bonnici qal illi kien ser isir studju mis-Sur John Fenech tan-NASOM dwar it-tħaddim ta' dan l-impjant.

Is-Sindku qal illi fil-15 ta' Diċembru, 2013 fl-10.00 ta' filgħodu, kien ser jiġi t-*team* ta' Xarabank f'Ħaż-Żabbar sabiex jorganizza l-ikbar żifna u filgħaxija kienet ser tiġi organizzata quddiesa taż-żgħażagħ. Is-Sindku qal li aktar 'il quddiem il-Kunsill Lokali kien ser jiġi ppreżentat bi programm sħiħ ta' din l-attività. Is-Sindku qal illi nhar l-Erbgħa, 20 ta' Novembru, 2013 kienet ser issir laqgħa għall-voluntiera li ser jieħdu sehem matul l-attivitajiet. Is-Sindku qal illi fit-13 ta' Diċembru il-Kunsill ser ikun mistieden fuq il-programm Xarabank sabiex tingħata pubbliċita għal-attivitajiet li ser jiġu

organizzati. Is-Sur Joseph Buttigieg issuġġerixxa li ninfurmaw lir-residenti dwar din l-attività.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza *coach* għal *charity run* li ser jorganizza l-President ta' Malta.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li jinxtraw ponsjetti tal-Milied mill-Istrina biex jiżżejnu l-uffiċini tal-Kunsill.

Is-Sindku qal illi fid-29 ta' Novembru, 2013 kien ser jinfetaħ simbolikament xelter li hemm f'Misraħ San Ġakbu.

Is-Sindku qal ukoll li l-*launching* tal-proġett tax-xelter ta' Misraħ is-Sliem ser issir fil-15 ta' Diċembru, 2013.

Is-Sindku qal li kienu ntbgħatu avviżi fl-iskejjel sabiex l-istudenti jiġu mħeġġa jipparteċipaw fil-kompetizzjoni għall-kartolini tal-Milied. Is-Sindku qal li d-data tal-għeluq sakemm wieħed ikun jista' jissottometti l-kartolina tiegħu għandha tkun l- 4 ta' Diċembru. Is-Sindku issuġġerixxa li fil-15 ta' Diċembru, 2013 issir esebizzjoni bil-kartolini li jkunu saru mill-istudenti.

Is-Sindku talab sabiex jinħatar Bord tal-Għażla sabiex jintgħażlu sitt kartolini tal-Milied. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mil-Viċi-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li l-membri tal-Bord ikunu s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Joseph Vella u s-Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sindku qal li l-kumpanija Lux-It kienet qiegħda toffri liż-Żabbarin bozza LED b'xejn ma' xiri ta' żewġ bozoz.

Fit-8.10 is-Sur Brian Spiteri talab li jkun skużat.

Dwar il-*website* tal-Kunsill li qiegħda tiġi finalizzata, is-Sindku ppropona illi jinħoloq forum fuq din il-*website*. Is-Sur Joseph Bonnici ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jaċċetta li Massimiliano Caruana, student tal-*Junior College*, jagħmel xogħol volontarju nhar ta' Sibt fl-uffiċini tal-Kunsill bħala parti mill-istudji tiegħu. Is-Sur Joseph Vella ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sindku qal illi kien avviċinat mis-Sur Clayton Failla *footballer* Żabbari li talab sabiex juża l-*ground* sintetiku li hemm fi Ġnien il-Kunsill sabiex jorganizza *tournament* għall-iskola. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel uanimament li l-istudenti jitħallew jużaw l-*football ground* tal-Kunsill għal dan l-iskop.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Kumitat Ad Hoc kompost mis-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Joseph Buttigieg u s-Segretarju Eżekuttiv sabiex jieħdu ħsieb li jintremew oġġetti li m' għandhom l-ebda użu u dawn jiġu written off mill-kotba tal-Kunsill.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li xi kotba li ngħataw mill-pubbliku u li m'humiex tajbin tant li ma ġewx aċċettati mil-Librerija Pubblika, jingħataw għall-book sale li ser isir fl-attività tal-14 u l-15 ta' Diċembru, 2013.

Is-Sindku talab sabiex il-Kunsill jitratta l-problema tad-*derelict vehicles* li hawn f'Ħaż-Żabbar. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Kumitat Ad Hoc kompost mis-Sindku, mis-Sur Joseph Vella u mis-Segretarju Eżekuttiv biex jaħdmu fuq din l-*issue*.

Is-Sindku qal li s-Sinjura Anna Calleja nfurmatu li waqt attività li ser issir fl-4 ta' Diċembru, 2013 iċ-*China Cultural Centre* ser joffri kotba b'xejn lill-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar sabiex jitpoġġew fil-*learning & reading zone* tal-Kunsill, filwaqt li l-HSBC offra l-ħaddiema sabiex jirranġaw iż-żona tal-qari b'xejn. Il-Ministru għall-Edukazzjoni l-Onorevoli Evarist Bartolo ser joffri kotba bħala donazzjoni matul din l-attività. Is-Sindku qal illi s-Sinjura Calleja infurmatu li ser torganizza sezzjonijiet ta' *story telling*.

Is-Sindku qal illi kien avviċinat minn studenti tal-Università ta' Malta u tal-MCAST li kienu lesti li jgħinu sabiex joħorġu bi pjan li jkun sostenibbli u jitressaq lill-Gvern sabiex isir *Family Park* fil-Masġar taż-Żebbuġ. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Bonnici u s-Sur Joseph Buttigieg jagħmlu parti mill-*action team* sabiex jissottomettu pjan biex il-Masġar taż-Żebbuġ jsir *Family Park.*

Is-Sindku talab li jibdew il-preparamenti għal-*bye law* għall-użu ta' *Day Centre* għall-anzjani. Is-Sur Joseph Buttigieg issuġerixxa li Kunsill jitlob l-għajnuna tal-Gvern biex isiru l-attivitajiet fid-*Day Centre* bħal ma jsir fid-*Day Centre* taż-Żejtun u talab sabiex ikun hemm nies ta' esperjenza li jkunu jistgħu jorganizzaw l-attivitajiet lill-anzjani f'dan iċ-Ċentru ta' matul il-Jum.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.25 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-425 laqgħa li saret nhar il-Tlieta 3 ta' Diċembru 2013.

Quinton Scerri
Sindku